QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A, LL.D.

IL-PULIZIJA

(Spettur Jonathan Ferris)

vs

John Micallef

Kumpilazzjoni Numru: 464/2016

Illum 30 ta' Mejju 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' John Micallef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0413263(M) akkuzat talli f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qlih ta aktar minn hamest elef euro (5,000.00) u dan bi hsara ta' Michael Grech ID262179M;

Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000.00) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan bi hsara ta' Michael Grech ID 262179M;

U aktar talli, sar recidiv ai termi ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) li biha elenka l-artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li tinstab htija kontra l-akkuzat li huma:-

a) Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17,31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

Ikkunsidrat

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur l-Ispettur Jonathan Ferris fejn dan spjega li f'Awwissu 2015 mar jaghmel rapport Michael Grech fejn qal illi l-imputat kien ipproponielu bicca negozju fejn huwa kellu johrog is-sehem ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) li kien jikkonsisti f'importazzjoni ta' ikel, xorb u xi detergenti li kellhom jinxtraw mill-Bulgarija li mbaghad tali merkanzija kellha tinbiegh fis-suq lokali.

Ix-xhud jghid illi mal-ftehim kienu ftehmu wkoll meta kellha tingab il-merkanzija bis-Sur Grech jaghti s-somma addizzjonali ta'

tliet mitt ewro (€300) sabiex l-imputat ikun jista' jmur il-Bulgarija sabiex jiffirma xi karti koncernanti ma' dan in-negozju.

Ix-xhud jghid ukoll illi s-Sur Michael Grech mar jaghmel rapport iehor illi sal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) xejn minn din it-transazzjoni ma kien sehh.

Meta tkellem mal-imputat u hadlu stqarrija, dan kien qallu li kien l-ahhar sitt (6) snin li kien jimporta dawn l-affarijiet mill-Bulgarija bhala part time fejn ix-xoghol principali tieghu kien li jahdem mal-Kunsill Lokali bhala surveyor. Qal ukoll illi huwa kellu Vat Registration bin-numru 20937412. Jghid illi l-imputat kien ghaddielu xi dokument li deher suspettuz. Jghid illi saru diversi tentattivi bejn il-partijiet sabiex l-imputat ihallas l-ammont dovut izda sar biss hlas ta' hdax il-elf u hames mitt ewro (€11,500).

Xehed ukoll il-parte civile <u>**Michael Grech**</u> fejn huwa spjega li kien iltaqa' mal-imputat Bugibba fl-elfejn u hmistax (2015) fejn dan kien waqaflu l-vann u kien hemm l-imputat u ghenu u minn hemmhekk bdew jitkellmu. L-imputat mill-ewwel kien ipproponielu jekk kienx interessat igib xi xoghol minn barra

ghaliex warajh kien hemm *supermarket* li hu kien ser jiftah u ried jistokkjah. Kien ipproponielu wkoll sabiex hu jaghmillu x-xoghlijiet ta' kisi u gibsum. Ix-xhud jghid illi ftit wara kienu ftehmu li jgibu xi xoghol minn barra bhal ikel, xorb u detergenti. Jghid illi l-ewwel kienu ser igibu kontejner ta' ghoxrin (20) pied u wara kontejner iehor l-istess daqs. Dawn kienu jiswew ghaxart elef ewro (€10,000) kull wiehed. Jghid illi sakemm dawn kienu qed jistennew ix-xoghol ipproponielu jgibu aktar xoghol fi zmien tliet (3) xhur mill-ewwel. L-imputat kien qallu li riedu jhallsu deposit ta' ghaxart elef ewro (€10,000) sabiex jibbukkjaw l-ordni flimkien ma' assigurazzjoni u affarijiet ohra. Kien qallu wkoll illi n-nies li kienu ser jinvestu maghhom ma ridux ihallsu flus bil-quddiem u ghalhekk il-parte civile kellu retirement plan u assigurazzjoni tat-tfal u kien waqqafhom. L-imputat kien qallu infatti li kellhom biss tliet (3) gimghat cans sabiex jaghtu dawn il-hmistax-il elf ewro (€15,000) ghal zewg kontejners xorb ghaliex jekk ma jaghmlux hekk l-imputat kellu garanzija bankarja ta' mija u sittin elf ewro (€160,000) li kienet ser tigi migbuda.

Il-parte civile jghid ukoll illi l-imputat kien dejjem iweghdu li x-xoghol kien gej izda dan qatt ma mmaterjalizza u hu sadanittant kien wieghed lil xi nies ghal dan ix-xoghol.

Jghid illi fil-hmistax (15) ta' Settembru kien ghamel gurnata jcempillu izda t-telefon kien mitfi u mbaghad meta sabu wara xi xahar kien qallu li kien it-Turkija u kien ser jaqsam il-Bulgarija u li kien ser icempillu hu minn hemm izda dan qatt ma sar.

Jghid ukoll illi xi ftit jiem wara cempillu l-imputat u qallu li kien niezel bix-xoghol u kellhom jiltaqghu l-Aquarium fil-kafetterija. Ix-xhud jghid illi meta cempillu l-imputat kellu l-impressjoni li ma kienx barra u meta tkixxef fejn joqghod l-ghada mar fejn joqghod u rah barra b'kelb f'idu. Dan qallu biex imorru jaghmlu karta b'nutar ghaliex ma kienx qed jafdah u sal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru dan kellu jtih hamsa u ghoxrin elf u tliet mitt ewro (€25,300). Ix-xhud esebixxa din l-iskrittura u li giet immarkata bhala Dokument MG1.

Ix-xhud jghid illi meta mar jiltaqa' mal-imputat l-ewwel darba wara Bugibba kien ha mieghu habib tieghu Antonello Persiano li

kien qed jghaddi minn mumenti difficli u hemmhekk l-imputat beda jghidilhom li kien xtaq igib ix-xorb bhal whiskey JB jew Jack Daniels jew vodka Smirnoff ghal tliet ewro u hamsin centezmu il-wiehed (€3.50) u li kien ser igib xi samples. Huwa jghid illi fuq erba' (4) kontejners kellhom jaghmlu qligh ta' miljun u nofs ewro (€1.5 million). Huwa jghid li Persiano hareg biss elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghax imbaghad kellhom jirrangaw wara bejniethom. Jghid illi l-imputat kien tah xi dokument li kienet invoice tax-xoghol allegatament ordnat (Dok MG2) u kien qallu sabiex ma juriha lil hadd. Din kienet mahruga minn kumpanija bl-isem ta' Econet liema direttur taghha kien certu Boris Badef.

Ix-xhud kompla illi huwa qatt ma ra kontejners bil-merkanzija b'ghajnejh u wara li ghamlu l-karta tan-nutar huwa mar biha ghand il-pulizija. Huwa jikkonferma li wara r-rapport tal-pulizija l-imputat tah kollox lura.

Xehed in-<u>**Nutar Dr. Tony Abela**</u> fejn ikkonferma dokument a folio 65 tal-process bhala wiehed awtentiku.

Rat id-dokumenti pprezentati mill-Ispettur Matthew Vella u cioe' MV1 (stqarrija tal-imputat), MV2 (kwerela), MV3 (sentenza), MV4 (stima ta' assigurazzjoni).

Xehdet Maria Zammit li dehret bhala rapprezentanta ta' Assicura Insurance Brokers fejn din tghid illi f'Lulju tal-elfejn u hmistax (2015) mar l-imputat sabiex ittih kwotazzjoni ta' assigurazzjoni ta' importazzjoni ta' merkanzija mill-Bulgarija. Din tghid illi ghalkemm baghtet din il-kwotazzjoni ma kienet irceviet l-ebda risposta. Hija kkonfermat dokument a folio mija u sebgha (107) tal-process fejn tghid ukoll illi damet tibghat lill-imputat fuqha izda dan qatt ma wegibha. Hija pprezentant konferma ta' dan b'dokument li gie mmarkat Dokument MZ1.

L-Ispettur Joseph Busuttil esebixxa u kkonferma sentenza li giet immarkata bhala Dokument JB1 datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Magistrat Anthony Vella.

Rat in-nota tal-parte civile Michael Grech datata tletin (30) ta' Gunju elfejn u ghoxrin (2020) fejn dan jikkonferma li kien thallas pjenament minghand l-imputat fuq il-kawza odjerna.

Finalment semghet lill-imputat **John Micallef** li kkonferma kif kien iltaqa' mal-parte civile Michael Grech izda jghid illi l-istess parte civile kien qed jinsisti mieghu sabiex itih il-flus u kien hu li qallu li ma jridx ikun jaf l-affarijiet. Hu jghid illi l-ufficjal investigattiv dak iz-zmien l-Ispettur Ferris kien tah l-informazzjoni kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi ir-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqiehor, ingann, jew billi juri ħaga b'oħra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,*

*jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin."*

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa indubitat illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru il-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Charles Zarb**</u> (App. Inferjuri – 1993) illi:

***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'***

*articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi –

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li*

*dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

*"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, in oltre', a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi –

> *"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."*

Illi mill-provi prodotti, tirrizulta ampjament ippruvata il-messa in xena li kkomplotta l-akkuzat sabiex jikseb vantagg ghall-parte civile Michael Galea, u dana tramite' l-messa in xena li hu kellu dan is-supermarket li ghalih ipproduca dokument ta' kera ta' post f'perjodu suspettuz meta dan kien probabbilment diga' iltaqa'

mal-parte civile u li f'dan il-kuntratt ma hemm xejn li jindika x'kienu ser jaghmlu.

Di' piu' din il-messa in xena kompliet billi l-imputat juri dokumenti lill-parte civile liema dokumenti ma kien xejn konklussiv. Dawn kienu ritratti ta' prodotti, stimi ta' assikurazzjoni u talbiet biex jintbaghtu merkanzija. Illi f'dawn id-dokumenti kollha ma kien hemm xejn konklussiv u materjali fejn jirrizulta li kwalunkwe persuna setghet titlob u tottjeni dawn id-dokumenti.

Inoltre' t-testimonjanza u l-verzjoni tal-parte civile Michael Galea kienet wahda verosimili hafna fejn dan irrakkonta dak li kien gralu b'dettalji dwar il-fatti bhal per ezempju meta rrakkonta illi l-imputat kien qallu li kien niezel bil-merkanzija mill-Bulgarija meta fil-fatt sabu barra d-dar tieghu gewwa Malta. Illi l-parte civile sofra telf patrimonjali ta' cirka hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) li johrog car meta l-imputat hallas lura dawn il-flejjes fil-mori.

Illi l-fatt illi Antonello Persiano ma tressaqx bhala prova hija nuqqas pero' l-irwol tieghu f'din l-istorja kienet wahda minima u ma jfissirx li fin-nuqqas tieghu din il-Qorti ghandha tillibera.

Illi l-fatt illi l-akkuzat hallas lill-parte civile ghall-agir frawdolenti tieghu jista' jittieħed inkonsiderazzjoni mill-Qorti unikament fl-ikkalibrar tal-piena billi r-reita' xorta wahda tirrizulta ppruvata.

Illi t-tieni (2) akkuza u cioe' dik tal-appropjazzjoni indebita din hija akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u kwindi din il-Qorti ma thossx li ghandha tissofferma ruhha fuqha.

A rigward l-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ghalkemm hadet konjizzjoni tas-sentenzi esebiti in atti, pero' tirrimarka illi dawn ma gewx ikkonfermati bil-gurament mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali inkwantu jekk dawn sarux *res judicata*. Ghalhekk dan l-addebitu ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat John Micallef hati tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra fuq nuqqas ta' provi.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A, LL.D.**

**Magistrat**